20 ta' April, 1945.

Imhallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

Paolo Caruana *versus* Carolina Caruana

**Separazzjoni Personali — Alimenti Provvizorji — Mara — Art. 2, 31 u 53 ta' l-Ordinanza I ta' l-1873.**

*Fil-pendenza tal-kawża ta' separazzjoni personali l-mara, tant jekk attriċi kemm jekk konvenuta, tista' tħalli d-dar ta' żewġha u titlob pensjoni alimentarja proporzjonata għall-bżonnijiet tagħha u għal mezzi tiegħu.*

*Dawn l-alimenti huma konsegwenza ta' l-obligu li għandu r-raġel li jmantni lil martu, u għalhekk ma għandhomx x'jaqsmu ma' l-alimenti "pietatis causa"; jejn min jitlobhom jista' jottjenihom biss skond il-bżonnijiet tiegħu.*

*Sakemm ma tiġix dikjarata ħatja l-mara ma titlefx id-dritt li tiġi alimentata minn żewġha.*

Il-Qorti — Rat id-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fit-23 ta' Jannar 1945, li bih l-imsemmi Paolo Caruana ġie kundannat jissomministra lil martu Carolina Caruana, għaliha u għat-tifel minuri li qiegħed magħha, pensjoni alimentarja ta' 17s. 6d. fil-ġimgħa, li għandhom jitħallsu bil-quddiem fid-dar tagħha minn dak in-nhar li ġie mogħti dak id-digriet; spejjeż riżervati;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Paolo Caruana, li talab ir-revoka ta' dak id-digriet; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi:

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond l-artikolu 53 ta' l-Ord. I ta' l-1873, fil-pendenza tal-kawża ta' separazzjoni l-mara, tant jekk attriċi kemm jekk konvenuta, tista' tħalli d-dar ta' żewġha u titlob pensjoni alimentarja proporzjonata għall-bżonnijiet tagħha u għall-mezzi ta' żewġha, basta tmur toqgħod fil-post li jiddestinalha r-raġel u ma titlaqx minn dak il-post mingħajr raġuni tajba;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-alimenti dovuti lill-mara sas-separazzjoni huma l-konsegwenza ta' l-obligu li għandu r-raġel skond l-art. 2 ta' l-imsemmija Ordinanza, li jmantni lil martu skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu; fil-waqt li l-art. 31 ta l-istess Ordinanza jistabbilixxi li fil-każ ta' alimenti provviżorji "pietatis causa", min jitlobhom jista' jottjenihom biss għall-bżonnijiet tiegħu l-iżjed meħtieġa, l-art. 53 jagħti lill-mara d-dritt għal dawk l-alimenti mhux biss skond il-bżonnijiet tagħha, iżda anki skond il-mezzi ta' żewġha; u l-mara, sakemm ma tiġix dikjarata ħa ;a għandha dejjem id-dritt li tiġi alimentata minn żewġha (ara Appell Ċivili 1 ta' Ġunju 1931 in re "Virginia Farrugia vs. Edgardo Farrugia");

Ikkunsidrat;

Illi in bażi għal dak li ntqal fuq, jirriżulta l-obligu ta' l-appellant li jgħaddi lil martu l-alimenti provviżorji skond il-bżonnijiet tagħha u l-mezzi tiegħu. Fil-fehma ta' din il-Qorti dawk il-bżonnijiet u dawk il-mezzi jiġġustifikaw ir-retta alimentarja stabbili mill-Ewwel Qorti, speċjalment in vista tal-fatt li dik ir-retta alimentarja ma ġietx stabbilita favur l-appellata biss, iżda anki favur tifel minorenni tal-kontendenti li l-appellant jinsab fl-obligu li jmantni skond l-art. 13 ta' l-Ordinanza ċitata;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell, u tikkonferma d-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fit-23 ta' Jannar 1945, bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.